**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 493/2012**

**Illum: 8 ta' Lulju, 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jurgen Vella)**

**vs**

**Melvin Pace**
**(ID 280686(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Melvin Pace ta' 26 sena, iben Louis u Rita nee` Camilleri, imwieled Pieta` nhar l-20 ta' Gunju 1986, residenti gewwa 'Block L', Ent. D, Flat 2, Bini tal-Gvern, Zabbar u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 280686(M);

Akkuzat talli nhar it-13 ta' Marzu 2009 ghall-habta tas-siegha ta' wara nofsinhar (13:00hrs) fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin u f'dawn il-gzejjer:

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-

disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi bhala persuna li mhux impjegata fil-habs, il-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, minghajr l-awtorita` legittima, dahhal jew ipprova jdahhal f'xi parti tal-konfini tal-habs, xi oggett, ikun li jkun, li huwa pprojbit skond xi regolamenti maghmula skond skond l-Att jew garr jew pprova jgorr xi oggett bhal dak barra minn xi habs u dan bi ksur tal-Artikolu 7(2) tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Akkuzat ukoll talli fl-istess zmien u cirkostanzi wettaq reat waqt il-perjodu operattiv ta' liberta' kundizzjonata moghtija mill-Qorti mill-Magistrat, illum Imhallef Dr. L. Quintano LL.D. ai termini tal-Kap. 446, Artikolu 22;

4. U aktar talli sar recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra u dan ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija, tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 33A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna li jithallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, kif ukoll il-kunsens tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kap. 9 sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommajra;

Rat ukoll illi waqt l-ezami tieghu ai termini tal-Artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kodici Kriminali, l-imputat wiegeb illi m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi

trattat bi procedura sommarja, kif ukoll illi mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu;

Rat ukoll illi fis-seduta tat-2 ta' Novembru 2015, l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni huwa rega' kkonfermaha wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Rat ukoll illi fis-seduta tat-12 ta' Frar 2016, l-imputat irtira l-ammissjoni tieghu fir-rigward tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat fir-rigward tal-ewwel, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u anke fid-dawl tal-provi prodotti, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati ta' dawn l-imputazzjonijiet, b'dan illi fir-rigward tar-raba' imputazzjoni li permezz taghha l-imputat gie addebitat bir-recidiva ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, minkejja l-ammissjoni tal-imputat, il-Qorti mhux qed issibu hati tar-recidiva ai termini tal-Artikolu 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan ghaliex ir-reati odjerni ma jinvolvu l-ebda reat taht is-sub-titolu I tat-Titolu IX tal-Kap. 9 tal-Kodici Kriminali u ghaldaqstant, huwa evidenti li l-addebitu ai termini tal-istess Artikolu 289 ma jirrizultax fil-kaz odjern.

Il-Qorti sejra ghalhekk tezamina l-provi mressqa fir-rigward tat-tieni imputazzjoni ossia dik li permezz taghha l-imputat gie akkuzat talli dahhal jew ipprova jdahhal f'xi parti tal-konfini tal-habs, xi oggett projbit u cioe` f'dan il-kaz id-droga eroina mertu tal-ewwel imputazzjoni. Mill-atti jirrizulta illi fil-jum in kwistjoni, ghall-habta tas-1.00 p.m., Ufficjali tal-Habs – CO 85 Godwin Agius, CO 134 Kenneth Fenech u CO 101 Christopher Mizzi – ghamlu spezzjoni ta' rutina fic-cella numru 79, fid-Divizjoni 2, liema cella kienet okkupata mill-imputat odjern. Jirrizulta wkoll illi fil-pussess tieghu, l-imputat kellu pakkett b'sustanza suspettata droga.[1] Mir-relazzjoni tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud[2], jirrizulta illi fid-dokument li huwa nghata ghall-analizi, kien hemm speci ta' tubu zghir tal-karti u bicca plastik

[1] Ara x-xhieda ta' CO 134 Kenneth Fenech (a fol. 92 *et seq* tal-process); ix-xhieda ta' CO 85 (a fol. 88 *et seq* u 96 *et seq* tal-process) u x-xhieda ta' CO 101 Christopher Mizzi (a fol. 99 *et seq* tal-process).
[2] Din ir-relazzjoni tinsab esebita a fol. 60 tal-process.

trasparenti li go fiha kien hemm qartas tal-karti bi trab kannella gewwa fiha. Mill-istess relazzjoni jirrizulta wkoll illi nstabu tracci tas-sustanza herojina fit-tubu zghir tal-karti u illi fit-trab ta' lewn kannella li kien hemm fil-qartas tal-karti, f'ammont nett totali ta' 0.139 grammi, instabet is-sustanza herojina. Il-purita` tat-trab ta' lewn kannella ghas-sustanza herojina kienet ta' cirka 22.4%.

Jirrizulta wkoll li fil-jum in kwistjoni, l-Ispettur (illum ex-Spettur) Alexander Grech ha stqarrija lill-imputat li ma wegibx ghall-maggor parti tal-mistoqsijiet li sarulu. Fi kwalunkwe kaz, din l-istqarrija ttiehdet lill-imputat fit-13 ta' Marzu 2009 u ghalhekk fiz-zmien meta l-ligi Maltija ma kinitx tippermetti li persuna arrestata tikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogazzjoni taghha mill-pulizija. Fil-fatt dan id-dritt ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju dahal fis-sehh fl-10 ta' Frar 2010, permezz tal-Avviz Legali 35/2010. A skans ta' ripetizzjoni zejda, il-Qorti tirreferi ghas-sentenza moghtija mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ricentement fit-12 ta' Jannar 2016 fil-kaz **Mario Borg v. Malta** u ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-25 ta' Frar 2016 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Camilleri**, fejn il-Qorti fid-dawl tal-imsemmija decizjoni tal-Qorti Ewropea u decizjonijiet ohrajn minnha citati, iddecidiet illi tiskarta l-istqarrija tal-appellant bhala prova stante li l-imputat ma nghatax id-dritt ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju tieghu. L-istess qeghda taghmel din il-Qorti fir-rigward tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat.

Kif tajjeb qalet id-difiza fis-sottomissjonijiet finali taghha, m'hemm l-ebda prova fl-atti, li tista' twassal lill-Qorti sal-konvinciment morali illi effettivament kien l-imputat li dahhal gewwa l-habs, il-droga eroina li nstabet fil-pussess tieghu. Ghalkemm jirrizulta mis-sentenzi esebiti fl-atti mill-Prosekuzzjoni, illi fil-jum in kwistjoni nghatat sentenza fil-konfront tal-imputat, li jfisser ghalhekk illi xi hin qabel din is-sejba, l-imputat kien ittiehed fil-bini tal-Qorti u lura lejn il-habs u jirrizulta wkoll mir-rapport tal-Ispettur Alexander Grech illi l-Ufficjali tal-Habs qalu lill-pulizija, wara s-sejba, illi kienet saret tfittxija ta' rutina fuq l-imputat wara li huwa rritorna lura mill-Qorti, ma jirrizultax mix-xhieda tal-istess Ufficjali tal-Habs li sabu din id-droga, illi huma ghamlu din it-tfittxija hekk kif l-imputat kien diehel gewwa l-habs mill-Qorti, izda illi t-tfittxija saret fic-cella tieghu, meta huwa kien maqful fl-istess, ghaliex dan kien il-hin li fih jinghalqu c-celel tal-prigunieri. Ghalhekk ghalkemm seta' kien hemm suspett li kien l-istess imputat li dahhal id-droga eroina gewwa l-habs, din kienet u baqghet biss assunzjoni, li minghajr provi ohrajn, ma tistax twassal sal-prova fil-grad rikjest mil-ligi, illi kien l-imputat li dahhal din id-droga fil-habs. Kif tajjeb qalet id-difiza, din il-prova kienet tinkombi fuq il-prosekuzzjoni li tehtieg li tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju

ragjonevoli u certament mhux fuq l-imputat li ghandu d-dritt ghas-silenzju u ma huwa tenut li jaghmel l-ebda prova.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi t-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputat ma gietx sodisfacentement ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Illi ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni fl-ewwel lok il-fedina penali tal-imputat, kif aggornata sa Awwissu 2012, liema fedina penali hija wahda refrattarja u tinkludi diversi kundanni fosthom dwar serq semplici, ksur tal-kundizzjonijiet dwar il-helsien mill-arrest (f'zewg okkazzjonijiet), reati bi ksur tal-Kap. 204 tal-Ligijiet ta' Malta, pussess aggravat tad-droga eroina (f'erba' okkazzjonijiet) u kokaina, traffikar ta' droga eroina (f'zewg okkazzjonijiet), pussess semplici tad-droga eroina (fi tlett okkazzjonijiet), reat ai termini tal-Artikolu 95 tal-Kap. 9 u reat bi ksur tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta. Dwar dawn ir-reati l-imputat gie kkundannat ghal pieni pekunjarji, sentenzi ta' prigunerija sospiza u prigunerija effettiva, apparti li nghata liberazzjoni kundizzjonata darbtejn.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti qieset ukoll illi l-ammissjoni tal-imputat ghall-ewwel, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet ma kinitx wahda bikrija u illi fi kwalunkwe kaz, l-imputat inqabad *in flagrante* mill-Ufficjali tal-Habs waqt li kellu d-droga f'idejh gewwa c-cella tieghu. Qieset ukoll ghal fini ta' piena, illi s-sustanza li nstabet fil-pussess tal-imputat fil-jum in kwistjoni kienet droga eroina f'qartas, bil-piz tat-trab ammontanti ghal 0.139 grammi. Jirrizulta wkoll illi dak iz-zmien, l-imputat kien qed jinzamm gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin – lok intiz ghall-korrezzjoni u r-riforma tal-abitanti tieghu – u ghalhekk fil-fehma tal-Qorti, dan ghandu jigi rifless ukoll fil-piena. Fil-fatt hija l-ligi stess li tipprovdi dwar dan fl-Artikolu 33A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li huwa applikabbli f'dan il-kaz.

Ikkunsidrat ukoll mill-banda l-ohra illi dan il-kaz jirrisali ghas-sena 2009 u li fil-maggor parti tieghu d-dewmien ma kienx dovut ghal ragunijiet imputabbli lill-imputat. Biss biss, l-imputazzjonijiet odjerni nhargu fit-18 ta' Dicembru 2012 u gew prezentati fir-Registru ta' din il-Qorti fl-20 ta' Dicembru 2012. Sussegwentement, l-ewwel seduta li ghaliha gie notifikat l-imputat inzammet fit-2 ta' Ottubru 2013.

Il-Qorti tqis ukoll illi l-imputat wettaq ir-reat odjern waqt il-perjodu operattiv ta' liberazzjoni kundizzjonata u dan in segwitu ghal sentenza moghtija fil-konfront

tieghu[3] minn din il-Qorti kif diversament preseduta mill-Magistrat Dr. Lawrence Quintano, fit-13 ta' Marzu 2009. Minn din is-sentenza jirrizulta illi l-imputat instab hati tar-reat ta' pussess semplici tad-droga eroina u gie lliberat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor ghall-perjodu ta' hmistax-il xahar. Jirrizulta wkoll mill-istess sentenza illi l-imputat kien minuri fiz-zmien tal-kaz u illi fil-pussess tieghu nstabu tnax-il pakkett.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 31, 33A, 49 u 50 tal-Kap. 9 u l-Artikolu 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-waqt illi m'hijiex qed issib lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu u qeghda tilliberah minnha, fuq ammissjoni, qed issibu hati tal-ewwel, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet u qed tikkundannah fir-rigward tal-ewwel u r-raba' imputazzjonijiet ghall-piena ta' hames (5) xhur prigunerija effettiva.

Fir-rigward tat-tielet imputazzjoni ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed titratta mal-hati dwar il-ksur tal-liberazzjoni kundizzjonata moghtija lilu permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, kif preseduta mill-Magistrat Dr. Lawrence Quintano, tat-13 ta' Marzu 2009 u dan billi titratta mieghu dwar l-imputazzjoni li dwarha kien instab hati permezz ta' dik is-sentenza daqs li kieku ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem din il-Qorti dwar dik l-imputazzjoni u filwaqt li ghal kull buon fini tikkonferma l-htija fir-rigward tal-istess imputazzjoni mertu ta' dik is-sentenza, wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikoli 17(b) u 37 tal-Kap. 9, qed tikkundannah ghall-piena ta' xahar prigunerija effettiva.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mal-esperti mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta, ossia l-ispejjez relatati mar-relazzjoni tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud ammontanti ghas-somma ta' tliet mija, tmienja u sittin Euro u erbgha u sittin centezmu (€368.64), l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert tekniku Dr. Reno Borg, ammontanti ghas-somma ta' tliet mija u ghoxrin Euro u ghoxrin centezmu (€320.20) u l-ispejjez relatati mar-relazzjoni ta' PS 612 Theo Vella,

[3] Vera kopja ta' din is-sentenza tinsab esebita a fol. 85 *et seq* tal-process. Minn din is-sentenza jirrizulta illi l-konnotati tal-imputat f'dik is-sentenza huma identici ghall-konnotati tal-imputat odjern.

ammontanti ghas-somma ta’ tnejn u tletin Euro u sittin centezmu (€32.60). B’kollox tali spejjez jammontaw ghas-somma ta’ seba’ mija, wiehed u ghoxrin Euro u erbgha u erbghin centezmu (€721.44), liema spejjez ghandhom jithallsu mill-hati fi zmien sena mil-lum.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga u l-affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga, esebiti fl-atti, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *process-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta’ din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat